MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 711/2005

**Protect Services Limited**

**Vs**

**Vella Gerald**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Marzu 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm251.50 (mitejn wiehed u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti ammont dovut ghal polza ta' assikurazzjoni.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Ammont bilancjali dovut lis-socjeta` attrici mill-konvenut ghal polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta` attrici fuq istruzzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra legali tal-5 ta' Frar 2004, u bl-imghax legali mill-5 ta' Frar 2004, data tal-ittra legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-konvenut ma ghandu jhallas xejn lis-socjeta` attrici – dak kuntrarjament allegat il-konvenut qatt ma ta' struzzjonijiet lis-socjeta` attrici sabiex tohrog l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici taghmel xoghol ta' sub-agent ta' assigurazzjoni u l-konvenut kien klient taghha. Jirrizulta li wara certu zmien il-konvenut waqaf il-kont tieghu mal-kumpanija assiguratrici u s-socjeta` attrici pproduciet f'dan it-Tribunal ghall-bilanc lilha dovut. Jirrizulta li l-ammont dovut huwa ta' mija u disa` liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm 109.42) peress li s-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm 444.48) hija koperta minn cheque f'idejn is-socjeta` attrici li ma thallasx.

Il-konvenut jallega li m'ghandu jaghti xejn u li ma inghata l-ebda istruzzjonijiet mis-socjeta` attrici.

Jirrizulta mix-xhieda prodotta mis-socjeta` attrici intita u dokumentali illi kien hemm diversi zmien fejn kienu qed isiru diversi poloz ta' assigurazzjoni. Is-socjeta` attrici thallas lill-agent jew il-principal imbaghad dan jigbor il-flus ratealment minghand il-konvenut.

Illi jirrizulta mill-prospett esebit a fol 33 tal-process in-negozju li kien sar bejniethom u l-ammont dovut illum.

Kontra dak allegat mis-socjeta` attrici, il-konvenut, xehed hu u l-mara tieghu li pero` dwar figuri ma tantx hemm qbil

wisq. Di fatti d-dokumenti minnu esebit a fol 34 et sequenza tal-process jirrizulta li l-ammonti jikkombacjaw ma' dawk prezentati mis-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici ppruvat li ghandha tiehu minghand il-konvenut, li ma ppruvax li m'ghandux jaghti kif gia allega fir-risposta tieghu.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm 109.42) peress illi d-differenza hija koperta mic-cheque li qieghed f'idhom stess ghalkemm ghadu ma ssarrafx, bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------